**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9987 – NVIDIA/Arm)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 370/08)

1. Fit-8 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NVIDIA Corporation ("NVIDIA", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Arm Limited ("Arm", ir-Renju Unit), li tappartjeni għas-SoftBank Group Corp. (il-Ġappun).

NVIDIA takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Arm kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— NVIDIA: id-disinn u l-provvista ta' pjattaformi tal-informatika aċċellerati inklużi unitajiet tal-ipproċessar tal-grafika għal-logħob tal-azzard, ċentri tad-*data*, viżwalizzazzjoni professjonali, u applikazzjonijiet awtomobilistiċi. Permezz tal-akkwiżizzjoni tagħha ta' Mellanox, li tlestiet f'April 2020, NVIDIA tipprovdi wkoll prodotti u soluzzjonijiet ta' interkonnessjoni tan-network;

— Arm: l-iżvilupp u l-liċenzjar tal-IP lill-forniturituras-semikondutturi, għall-użu aħħari fl-apparati mobbli, is-servers taċ-ċentri tad-*data*, is-sistemi awtomobilistiċi, il-PC u l-Internet tal-Oġġetti, fost l-oħrajn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.9987 — NVIDIA/Arm

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").